**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum, 3 ta' Novembru, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**-vs-**

**Otis Aquilina detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 450980M.**

**Kumpilazzjoni Nru. 577/2016**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Otis Aquilina talli:

Nhar il-31 ta' Ottubru 2016 bejn is-siegha ta' wara nofsinhar u t-tlieta ta' wara nofsinhar (13:00Hrs – 15:00Hrs) gewwa l-istabbiliment 'Ambrosia' li jinsab fi Triq l-Arcisqof il-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer;

1. ikkommetta serq ta' arlogg ta' l-idejn tal-marka 'Omega', telefon cellulari tal-marka 'Samsung Galaxy S4', cekk bil-valur ta' €3,500, kartiera bid-dokumenti u diversi oggetti ohra ghad-dannu ta' Joseph Degiovanni, Carmel Galea u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-persuna u dan bi ksur tal-Artikolu 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li waqt l-udjenza tal-1 ta' Novembru, 2016, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, in-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom kif ukoll tal-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 20, 31, 49, 50, 261(c)(d), 267, 268 u 279(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal tnejn u tletin xahar (32) prigunerija.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**